

**Patri Ġużepp Vella**

# Il-Madonna tas-Sacro Cuor

## *13-il Sena mill-bidu tad-Devozzjoni f'Tas-Sliema*

Fl-1872, fil-qalb Marjana tas-saċerdot Dun Pawl Vella, nibtet ix-xewqa li jkebbes id-devozzjoni lejn il-Madonna *Nostra Signora del Sacro Cuore di Gesù* fil-qalb ta' l-ewwel Slimiżi.

Fl-1868 Dun Pawl Vella, kien xtara l-art u bena dar għall-familja tiegħu fi Triq Strada Santa Marija.[1] Fis-Sajf, huwa, kien imur iqaddes kuljum fil-knisja ta' Stella Maris li kienet għadha knisja żgħira ħafna. U billi ħdejn id-dar tiegħu f'dawk l-inħawi beda tiela' l-bini b'ritmu mgħaġġel, u li kien hawn ċertu bogħod għall-knisja, ġieħ f'moħħu li jipprova jieħu l-inizjattiva biex tinbena l-knisja l-oħra fuq l-art mħollija apposta mill-Katidral. Din l-art kienet imsejħa l-*Piazzale della Chiesa*.



L-ewwel ħaġa li għamel Dun Pawl, kienet li għamel kuntatt ma' dawk il-persuni li kienu qegħdin jibnu djarhom (iċ-Ċenswalisti) u wriehom il-ħsieb tiegħu. Ġie mwaqqaf Kumitat ta' Azzjoni minn dawn il-persuni li wrew interess f'dawn il-proġett. Wieħed minnhom kien in-negozjant Gioacchino Ellul li kien is-sid tal-lukanda Imperial li kienet għadha qed tinbena. F'waħda minn dawn il-kmamar kien jiltaqa' l-kumitat li kien twaqqaf.

Fix-xahar ta' Ottubru ta' l-1872, Dun Pawl flimkien ma' tliet membri mar bir-rikors il-Kurja għand l-Isqof Mons. Gaetano Pace Forno. Dan għaddieh lill-Kapitlu tal-Katidral biex jiġi studjat. Bdew jinqalgħu l-intoppi billi r-Rettur tal-Knisja ta' Stella Maris, Dun Karm Casha Gerada, deherlu li aħjar titkabbar il-Knisja milli tibda tinbena oħra u problemi oħra ta' flus. Għaddew hames snin ta' stennija u ta' ħidma bla taqta' li dejjem sfat fix-xejn.

F'Marzu ta' l-1875 inħatar Mons. Carmelo Xikluna bħala Isqof ġdid ta' Malta. Sena wara, huwa ħareġ id-digriet biex titkabbar il-Knisja ta' Stella Maris. Għal din l-aħbar il-kumitat imwaqqaf beda jiġbor numru kbir ta' firem u t-talbiet lill-Kurja bdew isiru aktar spissi. Hawn, Dun Pawl ħareġ bi pjan ġdid bi proposti ġodda, fosthom, li l-knisja ġdida tkun iddediktat lill-Madonna. *Nosta Signora del Sacro Cuore di Gesù* u li tkun bħala monument għall-Papa Piju IX li kien se jiċċelebra l-50 sena mill-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħu. Dan il-ħsieb intogħġob mill-Isqof u mill-Kapitlu Katidrali. Fis-7 ta' Mejju ta' l-1877 l-Isqof ħareġ id-digriet biex tkun tista' tibda tinbena l-Knisja tagħna. Il-Knisja tinbena bi flus il-poplu u l-Kapitlu Katidrali wiegħed li jagħti għajnuna finanzjarja meta ikun il-waqt.

### It-Tberik ta' l-art

Il-kumitat beda jħabrek biex malajr kemm jista' jkun jagħti bidu għal din l-opra qaddisa. Intgħażel il-Ħadd, 20 ta' Mejju,

ta' l-istess sena. Dak in-nhar Dun Pawl, bħala Delegat ta' l-Isqof, bierek l-art u waqqaf salib kbir ta' l-injam fejn kellu jitqiegħed l-altar maġġur tal-knisja l-ġdida u ħabbar uffiċċjalment it-titular tal-Knisja. Se nġib il-kliem eżatt li Dun Pawl kiteb fiċ-Ċenni Storiċi li huwa ħallielna, dwar id-diskors li għamel lin-nies miġbura. Qalilhom dawn il-preċiżi kelmiet: "*Din iċ-ċerimonja ma hija xejn ħlief il-bidu ta' ġrajja oħra aktar importanti li għandha sseħħ ħmistax-il ġurnata oħra meta ssir it-tifkira tal-ġublew Episkopali tal-Kbir Papa Piju IX. B'din iċ-ċerimonja qegħdin nieħdu pussess ta' l-art biex niddedikawha lil Alla f'ġurnata addattata apposta għax illum huwa jum il-Pentekoste, ġurnata li kienet il-bidu tal-Knisja ta' Ġesù Kristu. Is-Slimiżi illum, għandhom iħossuhom iffortunati ħafna għax din il-knisja se tkun ir-raba' waħda li se tinbena f'dan il-Villaġġ. L-ewwel waħda taħt it-titlu tal-Beata Vergine della Sliema, imwaqqfa waqt l-assedju tal-Franċiżi, it-tieni taħt it-titlu Beata Vergine delle grazie li għadha teżisti, it-tielet iddedikata lil Vergine Maria Nostra Signora Stella Maris, li qiegħda tiġi mkabbra u issa din tagħna taħt it-titlu Nostra Signora del Sacro Coure di Gesù. Ħeġġeġ għall-għaqda fost l-abitanti tal-Villaġġ. Tkellem ukoll dwar id-diffikultajiet, in-nuqqas ta' mezzi finanzjarji u fuq il-fiduċja fit-titlu prodiġjuż (tal-Madonna) li din il-knisja dalwaqt tinbena.*" L-għada beda t-tħaffar għall-pedamenti, inbena Salone f'nofs l-għalqa u tqegħdet fih statwa tal-Madonna *Nostra Signora*.

## L-ewwel ġebla tal-Knisja

Kif nafu l-funzjoni tat-tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla saret fit-3 ta' Ġunju, ta' l-istess sena, b'solennità kbira. Wara ftit jiem is-sala li nbniet inbidlet f'kappella proviżorja. Din kienet il-benniena tad-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu għażiż tagħna. Minn dan il-post, il-Madonna, bdiet tixħet xita ta' grazzji fuq id-devoti tagħha. Dun Pawl, fid-djarju tiegħu, jikteb li l-inkwadru kien ikun imżejjen bil-fjuri, bit-tazzi taż-żejt u bix-xema' theġġeġ quddiemu.[2] In-nies bdiet tiġi f'dan il-post u tinxteħet f'riġlejn il-Madonna u titlobha kull tip ta' grazzja. Hawn l-imġarrab kien isib il-faraġ u l-indiema. Minn din il-ġrajja storika għaddew 131 sena. Kienet is-sena li fiha rat il-bidu ta' din id-devozzjoni f'Tas-Sliema. Matul dawn is-snin kollha d-devozzjoni dejjem baqgħet tikber u tissaħħaħ. Illum ukoll il-Madonna tas-Sacro Cour, kif kienet għall-missirijietna, għadha u tibqa' t-tama ta' dawk li jaqtgħu qalbhom, u l-għajnuna ta' dawk li jersqu lejha bil-fiduċja fiha.

Irrid li ntemm dan it-tagħrif dwar il-bidu tad-devozzjoni f'Tas-Sliema bil-kliem mirqum li nsibu fl-Oratorju miktub mill-għażiż poeta Slimiż u Franġiskan P. Marjanu Vella OFM. Fl-1985 kiteb hekk:

Ifraħ tas-Sliema! Fuq biċċ'art mitluqa
Li tnikkret il-ħarsa t'Alla kollha ħniena
Tela' tempju għażiż, ġebla fuq ġebla,
Fih sabu ġid u saħħa l-qlub għajjiena.[3]

11-10-07

Riferenzi

1 P. Ġużepp Vella OFM 1993 Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor, tas-Sliema – tagħrif Storiku p. 208

2 Dun Pawl Vella: *Cenni Storici della Chiesa di N. S. del S. Cuore di Gesù nella Sliema Monumento a S. S. Pio Nono PM* p. 1

3 P. Marjanu Vella OFM 1985 – Oratorju *Madonna tas-Sacro Cuor*, p. 1

## Apprezzament

*Patri Ġużepp Beneditt li kien Kappillan fil-Parroċċa tagħna, li ħalla din id-dinja fil-11 ta' Ottubru, 2007.*




CAPTAIN'S TAILORING

33, St. John the Baptist Street, Sliema
Tel: 21311040

**Accepts orders for:**
**Trousers, Shorts, Dressmaking & all other alterations**




